Messaġġ mill-Kap ta' l-Iskola

## KAP TA' SKOLA ĠDID

Bħala l-Kap il-ġdid ta' din l-iskola nħossni mimli ħeġġa u entużjażmu. Inħossni mimli ideat sbieħ li rrid inwettaqhom għall-ġid tal-Kulleġġ, għall-ġid ta' kulħadd. Fis-seba' snin li ili kap ta' skola mtlejt b'ħafna esperjenzi u sensittività kemm lejn l-għalliema kif ukoll lejn l-istudenti. U issa li ninsab hawn, fi Skola Sekondarja tas-Subien f' Ħal Kirkop, dak kollu li tgħallimt lest li ngħaddih lill-għalliema u lill-istudenti u ninsab lest b'idejja miftuħin biex nisma' lil kulħadd u nitgħallem iktar.

Kull esperjenza ġdida ngħożżha u nitgħallem minnha. Nemmen fir-relazzjonijiet tajba bejn l-għalliema u l-istudenti, l-għalliema u l-amministrazzjoni, l-amministrazzjoni u l-istudenti. Nemmen fil-kolleġġjalità u fil-frott li joffri tim magħqud u responsabbli lejn xogħlu. L-għaqda bejn il-ġenituri u l-iskola hija essenzjali u f'dawn is-snin li għandi quddiemi rrid nibni u nsaħħaħ it-tajjeb kollu li diġà hawn f'din l-iskola. Flimkien nistgħu naħdmu fuq proġetti ġodda, flimkien nistgħu noħolqu djalogu interkulturali u nimxu lejn dinja aktar tolleranti u li tiċċelebra d-diversità u mhux taraha bħala xkiel.

Nixtieq li nersaq viċin l-istudenti u nagħti l-opportunità lil kull wieħed minnhom għax nemmen li kulħadd għandu x'joffri u kulħadd jista' jirnexxi. It-tmexxija tiegħi u ta' sħabi għandha tgħin lill-istudenti b'tali mod li tippreparahom għall-ħajja, tintegrahom fis-soċjetà, issaħħilhom l-ideat tagħhom u tagħtihom riżultati xierqa. Din il-folja ġdida rrid nibniha fuq il-fiduċja fl-għalliema u fiż-żgħażagħ u r-rispett tiegħi lejhom.

R. Portelli
Kap tal-iskola

Tel: 21642427 Fax: 21642423
Email: sanbenedittu.bco@gov.mt
Website: http://schoolnet.gov.mt/kulleggsanbenedittubco

# Editorjal - Tislima

Permezz ta' dan l-editorjal, nixtiequ nsellmu lis-Sur Joseph Micallef li spiċċa mill-kariga tiegħu ta' surmast f'dan il-Kulleġġ. Kien ilu surmast f'dan il-Kulleġġ sa mill-bidu tiegħu f'Settembru tal-2005. Minn hawnhekk nawgurawlu ħidma sfiqa bħala *Service Manager* fid-Direttorat.

Nixtiequ nilqgħu fostna lis-surmast il-ġdid, is-Sur Raymond Portelli. Lil dan nawgurawlu ħidma fejjieda favur l-edukazzjoni ta' wliedna. Merħba kbira wkoll lill-Assistent Kap, lill-għalliema u LSAs ġodda.

Din is-sena l-popolazzjoni tal-iskola telgħet għal 820 student, b'190 ikunu studenti tal-ewwel sena.

Aħna qegħdin naħdmu flimkien biex nagħtu lil uliedkom dak li għada pitgħada se jsibu għall-ġejjieni tagħhom.

Bord Editorjali: G. Micallef (Asst. Kap), D. Bezzina, P. Callus, L. Deguara, A. Dimech, A. Galea, R. Portelli, A.Vella
Issettjar: P. Callus

## Tajjeb tkun taf

Kull sena għandha Assistent/a Kap u *Form Coordinator* li j/tieħu ħsieb il-ħtiġijiet ta' l-istudenti ta' dik is-sena partikulari.

| | Assistent/a Kap | *Form Coordinator* |
|---|---|---|
| L-Ewwel Sena | *Sa R. Azzopardi* | *Sa C. Refalo* |
| It-Tieni Sena | *Sur R. Cutajar* | *Sa B. Busuttil* |
| It-Tielet Sena | *Sa L. Borg Savona* | *Sa R. Micallef* |
| Ir-Raba' Sena | *Sur R. Muscat* | *Sur J. Mifsud* |
| Il-Ħames Sena | *Sur G. Micallef* | *Sa C. Elshout* |

## Popolazzjoni tal-istudenti

| | |
|---|---|
| L-ewwel sena | *190 student* |
| It-tieni sena | *167 student* |
| It-tielet sena | *215 student* |
| Ir-raba' sena | *189 student* |
| Il-ħames sena | *58 student* |



## It-Tieni Dar




Matul dawn l-aħħar ġranet tqassmet it-tieni ħarġa tal-pubblikazzjoni annwali tal-Kulleġġ San Benedittu Sekondarja Subien. Minbarra li sservi ta' tifkira għall-istudenti tagħna, din il-pubblikazzjoni tagħti idea ta' ħidmet l-iskola bl-għan li tilħaq lil kull student li huwa fdat f'idejha. Ix-xogħlijiet li jidhru jirriflettu dak li sar matul l-aħħar sena skolastika. Għaldaqstant ingħatat prominenza speċjali għal ritratti u kontribuzzjonijiet tal-istess studenti, kif ukoll artikli varjati dwar id-diversi attivitajiet organizzati minn setturi differenti tal-iskola.

## BOOSTER: Programm ta' Prevenzjoni mill-Aġenzija Sedqa

Sa mill-ewwel ġimgħat tal-iskola, l-għalliema tal-*guidance* bdew bil-ħidma tagħhom mal-istudenti permezz ta' programmi ta' prevenzjoni. L-istudenti tar-raba' sena kienu l-ewwel grupp li gawdew minn wieħed minn dawn il-programmi: BOOSTER. Kull klassi nqasmet f'żewġ gruppi. L-istudenti kellhom il-ħin jagħżlu temi li jolqtuhom direttament u flimkien mal-għalliema tal-aġenzija Sedqa jirriflettu u jiddiskutu dawn is-suġġetti. Fost is-suġġetti magħżula ġew trattati l-ħbieb, ir-relazzjoni mal-ġenituri, il-logħob, is-sess, il-ħajja, il-biżgħat li jkollna, l-imġiba li twassalni fl-inkwiet, l-alkohol u d-droga. L-għalliema minn Sedqa kellhom ukoll il-ħin li jitkellmu mal-istudenti personalment fejn inħasset il-ħtieġa. Nemmnu li aħna bħala edukaturi rridu naħdmu id f'id mal-ġenituri u għalhekk iltqajna mal-ġenituri tal-istess studenti f'laqgħa li saret għalihom fl-iskola. Kellna ħin fejn fi gruppi żgħar il-ġenituri ltaqgħu mal-għalliem tal-*guidance* u flimkien magħhom iddiskutew diffikultajiet li qed jiltaqgħu magħhom bħala ġenituri fit-trobbija ta' wliedhom. Aħna fiduċjużi li programmi bħal dawn iħallu ħafna ġid f'dawk l-istudenti u l-ġenituri li jipparteċipaw fihom.

# KALENDARJU 2008

## Ottubru

Preżentazzjoni dwar it-Tempji ta' Ħal Tarxien – 28
Laqgħa għall-ġenituri (*Form* 5): Korsijiet Post-Sekondarji - 29
Laqgħa għall-għalliema (L-iskola sa 12:30) – 29

## Novembru

Vaganzi tal-Mid-Term – 3-4
Taħriġ Professjonali għall-Għalliema (wara l-iskola) - 13
Assessjar (L-ewwel term) - 17-21
Laqgħa għall-ġenituri (*Form* 1): Vizzji – 20

## Diċembru

Laqgħa għall-ġenituri tal-primarji – 2-4-5
Vaganza Pubblika - 8
Lejla għall-Ġenituri - 10
Programm ta' attivitajiet għall-Milied - 15-22
Vaganzi tal-Milied - 23-31

## Jannar

Vaganzi tal-Milied - 1-4
Bidu tat-tieni term - 7
Laqgħa għall-għalliema (L-iskola sa 12:30) – 19
Fuq il-Passi ta' San Pawl: Attività tal-Kulleġġ - 23
Assessjar (It-tieni term) - 26-30

## Frar

Vaganza Pubblika - 10
Eżamijiet ta' nofs is-sena - 12-20
Vaganzi tal-Karnival - 23-24
Taħriġ Professjonali għall-Għalliema (wara l-iskola) - 26

# UFFIĊJALI 2009

**Marzu**
2-6 – Esperjenza ta’ xogħol għall-*Form* 5
2-6 - Eżerċizzji tar-Randan għall-*Form* 3
9-12 - Eżerċizzji tar-Randan għall-*Form* 2
13 - Jum il-Ġenituri
19 - Vaganza Pubblika
20 - Sports Day għall-*Form* 3, 4 u 5
23-27 - Eżerċizzji tar-Randan għall-*Form* 1
23-27 - Assessjar (It-tieni parti)
31 - Vaganza Pubblika

**April**
1 - Acts: Attività tar-Randan għall-*Form* 4 u 5
1 - *Sports Day* għall-*Form* 1 u 2
8-15 – Vaganzi tal-Għid
16 – Bidu tat-tielet term
21-24 - L-Għażla tas-Suġġetti (*Form* 2)

**Mejju**
1 - Vaganza Pubblika
7 – *Prize Day*
13 - Taħriġ Professjonali għall-Għalliema (wara l-iskola)
18-22 - L-Għażla tas-Suġġetti (*Form* 2) (it-tieni parti)
20-24 – Assessjar (it-tielet term)
26 – Ġurnata ta’ taħriġ għall-għalliema
27, 28 - Laqgħa għall-ġenituri tal-*Form* 4: L-Eżamijiet tas-SEC u l-Adoloxxenza

**Ġunju**
1 – Bidu tan-nofs ta’ nhari
16-26 – Eżamijiet Annwali

# Form 1s ġodda: Minn student tal-primarja għal student tas-sekondarja - F'jum wieħed?

Wieħed mill-għanijiet ewlenin tas-servizzi tal-*guidance* huwa sabiex ngħinu lit-tfal fit-tranżizzjoni minn stadju għal ieħor ta' ħajjithom mingħajr skossi. Dan huwa wkoll wieħed mill-għanijiet tas-sistema tal-kulleġġi. Aħna nafu li l-bidla minn skola primarja għal dik sekondarja taf tkun diffiċli ferm għal ħafna mill-istudenti.

Sa mill-primarja nkunu kellimniehom u ġibniehom lejn l-iskola sekondarja flimkien mal-ġenituri tagħhom għal tliet darbiet. Issa bdejna wkoll norganizzawlhom l-ewwel jum apposta għalihom. Wara *assembly* speċjali għalihom, l-istudenti nqasmu f'ħames gruppi u mxew minn post għal ieħor sabiex jingħatawlhom istruzzjonijiet u tagħrif.

Fil-*multipurpose hall* kellna wieħed mill-għalliema tal-*guidance* jispjega s-sistema ta' kif jitqassam il-jum u x'inhu mistenni mill-istudenti. Fil-*foyer* tal-*Guidance Services*, għalliem ieħor tal-*guidance* kellem lit-tfal dwar is-servizz tagħna u kif jistgħu jagħmlu użu mis-servizz b'mod tajjeb u organizzat. Qalb il-*lockers*, fil-kuritur, kien hemm grupp ieħor li kien qiegħed jisma' lill-għalliem tal-*guidance* ieħor jgħinhom, bl-użu ta' basket, dwar kif għandhom jużaw il-*locker*. L-għalliem ħadem fuq li ħadem, imma ndunajna li dan il-qasam tal-organizzazzjoni tal-kotba u ż-żamma tal-ordni fil-*locker* huwa l-aktar punt dgħajjef fit-tfal.



L-għalliema tal-*guidance* ma jaħdmux weħidhom u bl-għajnuna ta' għalliema oħra, l-istudenti kellhom żewġ sessjonijiet oħra. Il-*Form Coordinator* tal-*Form* 1 kellmet lit-tfal dwar id-dixxiplina, l-imġiba u l-konsegwenzi. L-għalliema tal-PSD ukoll kienu parti minn din l-attività billi ħadu lill-istudenti għall-mawra mal-iskola sabiex juruhom l-inħawi l-iktar importanti.

Biżżejjed? Le. Żgur mhux biżżejjed. Għad għandna studenti mitlufin u beżgħana wara diversi ġimgħat. Għad għandna x'nagħmlu mal-istudenti l-ġodda. Intom il-ġenituri mid-dar nitolbukom tgħinuna billi tagħtu lil uliedkom iċ-ċans li jkunu responsabbli ta' xi ħaġa (żgħira kemm hi żgħira) fid-dar.

R. Mifsud
Għalliem tal-Guidance

## Sħabna l-annimali

Qatt innutajt kemm naqra ta' għasfur żgħir għandu s-saħħa jgħanni u jinstema' mill-bogħod!! Li kieku f'kull pajjiż insibu biss bini, nies u siġar kieku d-dinja tkun veru monotona. L-annimali tassew iżejnu d-dinja li ngħixu fiha u fuq kollox ħafna prodotti ta' l-ikel ġejjin mill-annimali.

Din is-sena kellna *assembly* speċjali ħafna nhar Jum l-Annimali. Xi studenti anke ġabu l-annimali tagħhom u tkellmu fuqhom. Michael Debono tal-klassi 3.3 ġab lil Tyson, il-kelb tiegħu. Il-kelb ta' Michael hu tar-razza Pak. L-istudenti kollha ggustaw lil Tyson. Andre Grech tal-Klassi 3.9 ġab il-qattusa tiegħu l-iskola. Simba hi tar-razza Persian u Andre tkellem fuq kemm hi nadifa u fuq kemm tobdi. Dawn iż-żewġ studenti veru wrew li huma kburin bl-annimali tagħhom.

Mark Sciberras tal-klassi 3.3 u s-Sur Lawrence Formosa ġew jagħmlu wirja tal-falkunerija. Is-Sur Formosa ġab miegħu lil Jessie, falkuna li ġiet imfaqqsa l-Ingilterra ġo postijiet apposta. Jessie taf minn fejn sa fejn għandha ttir u tifhem u tobdi l-istruzzjonijiet ta' sidha peress li faqqset u trabbiet ġod-djar. L-istudenti ħadu gost jaraw lil Jessie ttir minn post għall-ieħor u fuq kollox kulħadd kien affaxxinat bil-kobor u l-ġmiel tagħha.

Aħna l-bnedmin m'għandna qatt nittorturaw jew noqtlu l-ebda tip t'annimal - la annimali fid-dar, la fl-irziezet u lanqas f'pajjiżi barranin!



C. Elshout



## Ftakar

**Matul ix-xahar ta' Novembru l-uniformi għandha tkun**:

Qmis tal-iskola (komma qasira jew twila)
Ingravata tal-iskola
Flokk tal-iskola mingħajr komma
Qalziet tal-iskola
Ċintorin u żarbun iswed.

- Minn din is-sena skolastika, it-***tracksuit*** tal-iskola għandha tintlibes mid-dar fil-jiem li ibnek ikollu l-lezzjonijiet ta' l-Edukazzjoni Fiżika (PE). Mhux permess li ibnek jiġi bit-*tracksuit* fil-jiem l-ohra.
- **Xagħar** miżbugħ jew ikkulurit u/jew maqtugħ b'mod mhux xieraq għall-iskola huwa pprojbit. Importanti li t-tfal ikollhom ix-xagħar bil-kulur naturali tagħhom. Mhux permess l-użu ta' ġel fix-xagħar.
- **Brazzuletti, ġiżirajjen, imsielet, *piercing* u ċappetti** ma jistgħux jintlibsu fl-iskola.
- **Telefowns ċellulari** jew **logħob elettroniku** m'humiex permessi fl-iskola. Dawn jiġu kkonfiskati immedjatament.
- **Logħob bl-idejn**, ritaljazzjoni permezz ta' vjolenza, lotta jew logħob goff ieħor huma assolutament ipprojbiti. Bl-istess mod mhix tollerata inkejja, intimidazzjoni, tpattija jew sfida għall-ġlied. Miżuri serji ta' dixxiplina jittieħdu mill-Amministrazzjoni.
- Il-ġenituri huma obbligati mil-liġi li jibagħtu lil uliedhom l-iskola regolarment. Tinżamm **attendenza** għal kull lezzjoni u studenti li jfallu lezzjonijiet bla permess jitqiesu li fallew l-iskola u jkunu rrappurtati. Normalment għall-ewwel tlett ijiem ta' assenteiżmu għal kull xahar mhux meħtieġ ċertifikat mediku. Madankollu f'każ ta' dubju dwar il-ġenwinità tal-każ, il-Kap tal-Iskola għandu dritt jitlob għal ċertifikat mediku anki għal ġurnata biss. Iċ-ċertifikati jridu jaslu l-iskola sat-tieni jum tax-xahar ta' wara.

## Il-Behaviour Management Team

Il-*Behaviour Management Team* se jkompli jaħdem id f'id mal-Amministrazzjoni tal-iskola fil-ħarsien sħiħ tal-kodiċi ta' mġiba tajba li tħaddan l-iskola. Dan it-tim ffurmat mill-Assistent Kap inkarigat mid-Dixxiplina, minn ħames *Form Coordinators* u minn għalliem mis-sezzjoni tal-*Guidance* tal-iskola. Il-*Behaviour Management Team* se jaħdem sabiex jiżgura dixxiplina aktar immedjata u ġusta. L-għan aħħari huwa li kull student:

- jifhem l-importanza ta' mġiba tajba;
- jifhem ukoll il-konsegwenzi li ġġib magħha mġiba mhux xierqa;
- jifhem li fl-aħħar mill-aħħar, imġiba tajba se tkun ta' ġid għalih innifsu peress li se tagħmlu persuna aktar matura u responsabbli.

Minkejja l-fatt li normalmemt nassoċċjaw id-dixxiplina biss mal-konsegwenzi, il-*Behaviour Management Team* se jkun qed jaħdem sabiex jippreżenta d-dixxiplina f'lenti aktar pożittiva u effiċjenti.